# Il-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament fil-Ħamrun

minn Anthony Theuma



*Anthony Theuma għamel żmien twil jieħu sehem fil-purċissjonijiet fil-Parroċċa ta' San Gejtanu bħala Fratell mal-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament. F'din l-intervista li għamillu l-editur ta' dan il-ktejjeb Ninu, kif l-aktar li hu magħruf fost il-Ħamruniżi li llum għandu mat-73 sena jgħidilna x'jiftakar dwar din il-Fratellanza.*

L-ewwel li niftakar kien meta kien għad kelli mat-tmien snin meta kienu libbsuni ż-żimerra l-ħamra, tawni f'idejja qoffina tal-qasab ċatta li dendluli ma' spallti u mlewli bil-fjuri. Kienet l-ewwel esperjenza tiegħi fi ħdan il-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament. Il-Ħadd ta' wara ħadt sehem ukoll fil-Festa kbira tal-Qalb ta' Ġesu. Minn dak in-nhar 'l hemm jien bqajt nieħu sehem fil-Ħamrun matul medda ta' 'l fuq minn ħamsin sena għax meta kbirt dħalt fratell mal-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament.



Fil-fatt kien il-Lettur stess tal-Fratellanza Ġanni Grima li kien ħajjarni biex nidħol bħala Fratell u jien kont aċċettajt. Ġanni kien veru ddedikat għal din il-Fratellanza. Niftakar kien bniedem dħuli, kellmtu ħelwa u kien jaħdem bla heda għal ġid ta' din il-Fratellanza.

Niftakar ukoll li bħala fratelli kull 15 tax-xahar konna nagħmlu dik magħrufa bħala t-Terza. Din kienet tikkonsisti f'quddiesa u t-tqarbina u mbagħad konna nagħmlu purċissjoni libsin ta' Fratelli fil-knisja stess.

**Sur Theuma bħala Fratell inti magħruf li tista' tgħid li dejjem kellek f'idejk l-inkarigu li ġġorr l-istandard il-kbir tal-Fratellanza. Kif ġie li ngħatajt dan l-inkarigu?**

Kelli mas-sittax, sbatax-il sena meta għażluni biex nibda nerfa' l-istandard il-



kbir tal-Fratellanza li dak iż-żmien kien jintrefa' minn Ġorġ Grima t-tifel ta' Ġanni l-Lettur stess tal-Fratellanza. Fil-fatt kien Ġorġ Grima stess li darba minnhom kif ġejna biex noħorġu għal purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesu, qalli 'illum oħroġ miegħi bl-istandard ħalli nħarġek għall-istandard. Niftakar li kont qgħadt miegħu matul it-triq kollha u kultant inżommulu kif nieqfu ftit. Kif wasalna fil-pjazza b'għaġeb kbir tiegħi Ġorġ tani l-istandard f'idejja u ftit ftit bqajt tiela' bih sal-knisja. Kienet l-ewwel esperjenza tiegħi ta' dan l-istandard b'lasta twila mal-erbatax il-pied u biċċa drapp tqila tad-damask twila mal-ħdax il-pied ieħor. Niftakar li kont qgħadt attent ħafna għall-istruzzjonijiet li beda jtini Ġorġ, filwaqt li kont fl-hena tad-dinja nħoss il-lasta twila maħkuma f'idejja tirtogħod u tivvibra hekk kif il-bandiera kbira tad-damask tperper maż-żiffa tar-riħ. Bdejt nisthajjilni fuq vapur tal-qlugħ nimmanuvra l-ħbula. Dik l-ewwel sensazzjoni bqajt inħossha u nieħu pjaċir biha kull meta ħriġt b'dak l-istandard.

Kif wasalna l-knisja niftakar li Ġorġ kien dar lejha u bi tbissima ta' sodisfazzjon kien qalli 'qed insibek tajjeb ħafna u tista' tibda toħorġu int'. U hekk kien għax minn dak in-nhar il-quddiem dan l-istandard bqajt noħroġ dejjem jien bih ħlief xi drabi meta kien hemm il-bżonn li ngħin fl-irfigħ tal-vari tad-Duluri, ta' San Ġusepp, tal-Madonna tar-Rużarju u tal-Vara titulari ta' San Gejtanu. Hawn ta' min isemmi li l-vara tad-Duluri kienet toħroġ darbtejn f'purċissjoni matul is-sena darba fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira u darba oħra fil-festa proprja tagħha f'Settembru.

Meta kien hemm bżonn kont ngħin ukoll fil-Baldakkin li fil-Hamrun konna noħorġuh fil-purċissjoni ta' Corpus Christi u fil-Qalb ta' Gesu.

Illum ġejt inkarigat biex nieħu ħsieb l-umbrella li tgħatti lis-Saċerdot meta dan ikun bis-sagrament meta joħroġ minn taħt il-Baldakkin. Barra minn din il-biċċa xogħol għandi wkoll nieħu ħsieb il-purċissjonijiet.

**Sur Theuma nafu li l-Fratellanza ta' Gesu' Sagrament fil-Ħamrun bħal wara kollox f'pajjiżi oħra kienet involuta sew fil-purċissjoni hekk magħrufa tal-vjatku. X'tista' tgħidilna dwar dan?**

Javżaw lil Knisja Parrokkjali u l-qniepen kienu jdoqqu t-tokki tal-Vjatku. Kif jisimgħu dan is-sinjal il-membri tal-Fratellanza kienu jmorru l-knisja u mbagħad jakkumpanjaw lis-saċerdot bis-sagrament fi proċessjoni biex dan imur iqarben lil dik il-persuna għall-aħħar darba. F'din il-purċissjoni kienu

jieħdu seheml-Abbatini u l-Fratelli tal-Fratellanza tas-Sagrament u xi nies li kienu jiġu wkoll Malta jisimgħu l-qniepen idoqqu tokki li javżaw għal Vjatku. Għal din l-okkażjoni l-Fratelli kienu jżommu f'idejhom fanali bix-xemgħa.

Niftakarni wkoll noħroġ ma Ganni Grima il-Lettur li kienu jsibuh bħala Ganni tal-Vjatku meta dan kien joħroġ jiġbor għal-Vjatku. Għadu ċar quddiem għajnejha raġel twil libes ta' fratell bis-sasla forma ta' karus b'santa ta' l-Ostja Mqaddsa u l-Anġli madwarha u t-tfal jiġu jiġru biex ibusuha u l-kbar jitfgħu dik is-sitt ħabbiet fiha. U Ganni jitbissem filwaqt li jirringrazzja l-kulħadd.

**Sur Theuma x'tgħidilna dwar il-purċissjoni li kont tieħu sehem fihom fil-Hamrun?**

Purċissjoni li aħna tal-Fratellanza konna inqisuha mportanti ħafna minħabba l-isem stess tal-Fratellanza, kienet il-purċissjoni ta' Corpus Christi li għalina kienet qisha l-festa tal-Fratellanza tagħna tas-sagrament. Dik kienet toħroġ nhar Corpus Christi il-Ħadd filgħodu. Kien hemm żmien li din il-purċissjoni kienet toħroġ fil-jum propja tagħha jiġifieri il-Ħamis filgħodu. Minn xi ftit żmien l'hawn din il-purċissjoni ma baqgħetx toħroġ u l-attenzjoni intefgħet kollha fuq il-purċissjoni tal-Qalb ta' Gesu.

Il-purċissjoni tal-Qalb ta' Gesu li ssir ġimgħa fuq il-festa ta' Corpus Christi minn dejjem kienet okkażjoni kbira għall-Fratellanza tagħna. U dak in-nhar il-Fratellanza kienet tidher fl-aqwa tagħha.

F'din il-purċissjoni tant popolari mal-Ħamruniżi flimkien mal-Fratellanza tas-Sagrament, kienu jieħdu sehem l-Għaqdiet kollha tal-Parroċċa, bl-iscouts u l-każini tal-Baned b'kollox. L-iscouts kienu jkunu bħalma għadu jsir illum fil-bidu tal-purċissjoni u mbagħad jiġu l-Għaqdiet kollha tal-Parroċċa u mbagħad il-Fratellanza tas-Sagrament immexxija minn l-istandard il-kbir.

Kif il-purċissjoni kienet tasal il-pjazza kienet tieqaf u kulħadd jinġabar fil-pjazza madwar Tribuna li kienet tintremgħa apposta u li minn fuqgħa kienet tingħata l-Barka Sagramentali.



Wara l-purċissjoni kienet terġa taqbad it-triq tagħha lura lejn il-knisja. Kienet purċissjoni dik li llum taqbdek nostalġija kbira hekk kif biss tiftakar fiha.